# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 04 ta' Dicembru, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Anthony Mercieca)**

**vs**

**Andre Bugeja**
**Omissis**

**Kumpilazzjoni Nru: 521/2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:-

**Andre Bugeja**, detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija numru 392598(M); u

**Omissis**

Akkuzati talli matul il-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 2017 minn gewwa fond numru 26, Triq Tonna Sliema kkommettew serq, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u anka bil-valur, liema valur jaccedi s-somma ta' €232.94 Ewro imma ma jaccediex is-somma ta' €2329.37 Ewro

ghad-detriment ta' Stefan Stoykov Demirev, Vladimir Stoykov Georgiev u/jew xi entita' jew persuna ohra.

Akkuzat lil omissis wahdu talli fl-istess data, hin u cirkostanza;

1. Sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50, 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu fi zminijiet differenti, liema sentenza saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.
2. Talli kiser il-provediment ta' l-artikolu 07 ta' Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza datata 06 ta' April 2017 mill-Magistrat Dr. I. Farrugia LL.D liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Akkuzat lil Andre Bugeja wahdu talli fl-istess data, hin u cirkostanza:-

1. Naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u cioe mill-Magistrat Dr. G. Vella LL.D mid-digriet datat 09 ta' Dicembru 2016 u li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkometiex reat iehor u li jiffirma gewwa l-ghassa tas-Sliema kull nhar ta' Erbgha u Hadd u kif ukoll li jirrisjedi gewwa l-fond Bellavista Court, Flat 3, Sqaq Aroha, Sliema.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija, l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija nhar id-09 ta' Settembru 2016 ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta' l-artikolu 579 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bi procedura sommarja u li l-impuatat ma kelluz oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom instab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-eta ta'l-imputat u l-fatt li huwa ghandu problema b'l-abbuz tad-droga.

Ghal dawn il-motivi l-Qort, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269(g) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggih lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment; in oltre qed tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depozitu u garanzija amontanti ghal tlett elef u mitejn Euro (€3,200) imsemmija fid-degriet tad-9 ta' Dicembru 2016. In konkluzzjzoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 24 ta'l-istess Kapitolu 446 qed tordna lill-imputat biex ihallas lill-parte leza s-somma ta'erba' mitt Euro (€400).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika lid-Direttur ta'l-ufficju tal-Porbation

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**